# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A.R. HIST.S.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 684/87 GCD**

**Charles Pelham Lee**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 1997 liema sentenza taqra kif gej:-

> "Din is-sentenza hija dwar talba maghmula b'rikors taht l-Ordinanza tad-Dwana sabiex ir-rikorrent jiehu lura hwejjeg li nqabdu b'nota ta' qbid.
>
> Ir-rikorrent fisser illi l-intimat, b'nota ta' qbid numru 36/87 tas-6 ta' Lulju 1987, kien qabad minghandu l-hwejjeg murija fuq wara ta' l-istess nota. L-intimat kien ghamel hekk billi l-importazzjoni ta' dawn il-hwejjeg hija ristretta u li d-dazju fuqhom ma kienx thallas jew imhares kif iridu l-artt. 60 u 61 ta' l-Ordinanzi tad-Dwana, Kap. 60[1]. Billi r-rikorrent kien hass ruhu aggravat b'dan il-qbid gharraf lill-intimat b'ittra tal-10 ta' Awissu 1987 li kien jidhirlu li kellu jedd jiehu dawn il-hwejjeg lura, u li kien ser imexxi ghalhekk qudiem il-qorti.

[1] Illum artt. 60 u 62 tal-Kap. 37

Kompla jfisser illi l-aggravju tieghu huwa li ma jithallasx dazju fuq il-hwejjeg maqbuda billi dawn huma hwejjeg personali ta' martu, mahsuba biss ghall-uzu personali taghha. Parti minn dawn il-hwejjeg, li huma gojjelli, kienu wirtuhom ir-rikorrent u martu, u l-bqija tar-rikorrent kien akkwistahom ghal martu.

Ir-rikorrent u martu, li hija maltija, "jabitaw regolarment" Malta f'dar li ghandhom t'Ta' l-Ibrag. Huma persuni ghonja bizzejjed biex jista' jkollhom hwejjeg bhal dak maqbuda u, fil-fehma tar-rikorrent, li hu u martu jgorru dawn il-hwejjeg maghhom ma jistax ikun ksur tal-ligi. Hu mexa in bona fide u l-ligijiet tad-dwana ma humiex mahsuba biex izommu milli jidhlu f'Malta hwejjeg ghall-uzu personali ta' nies maltin jew li joqghdu Malta. Lanqas ma ghandhom, taht dawn il-ligijiet, jitqiesu bhala "oggetti ristretti" l-hwejjeg personali ta' cittadini ta' Malta.

Ir-rikorrent ghalhekk talab illi din il-qorti tordna lill-intimat li jhalli lir-rikorrent jiehu lura l-hwejjeg maqbuda bin-nota numru 36/87.

Ghal dan ir-rikors, l-intimat wiegeb hekk:

Fis-6 ta' Lulju 1987 ir-rikorrent Charles Pelham Lee wasal Malta mill-Ingilterra u, meta ufficjal tad-dwana staqsieh, quddiem ufficjal tal-pulizija, x'kellu, ir-rikorrent ma iddikjarax li kellu l-hwejjeg li wara nqabdu. Dawn il-hwejjeg prezzjuzi nstabu wara li saret tfittxija; f'ebda waqt qabel it-tfittxija r-rikorrent ma wera li kellu xi hwejjeg prezzjuzi tieghu u ta' martu. Il-fatt wahdu li dawn il-hwejjeg ma kinux dikjarati jmur kontra dak li jrid il-Kap. 60[2] tal-Ligijiet ta' Malta, u kien ghalhekk li l-hwejjeg inqabdu. Ghal dawn ir-ragunijiet, kompla jghid l-intimat, il-qbid sar sew u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda.

Dwar il-fatti ma jidhirx li ma hemmx qbil. Precizazzjoni zghira li ghandha ssir hija li, ghalkemm fir-rikors ir-rikorrent qal li hu u martu "abitaw regolarment" Malta, fil-fatt meta xehdet mart ir-rikorrent fit-12 ta' April 1991[3] din qalet li "ir-residenza ordinarja tieghi u ta' zewgi hija l-Ingilterra". Ma jidhirx, izda, li dan il-fatt huwa relevanti ghal-kawza.

Ir-rikorrent jaqbel li hu ma iddikjarax li kien dahhal f'Malta l-hwejjeg maqbuda[4]. L-intimat ma hux qed ighid li kellu jithallas id-dazju fuq dan il-hwejjeg; qieghed ighid biss li, ukoll jekk ma kellux jithallas dazju, xorta min idahhalhom Malta kellu

[2] Illum Kap. 37
[3] Ara x-xhieda moghtija minn Ursola sive Sally Pelhamm Lee fit-12 ta' April 1991, fol 27.
[4] Ara l-istqarrija ta' Charles Pelahm Lee, fol. 38.

jiddikjarahom, u n-nuqqas ta' dikjarazzjoni bhal din iwassal biex il-hwejjeg ikunu konfiskati.

Il-kwistjoni kollha mela hija din: jista' l-Kontrollur tad-Dwana jikkonfiska hwejjeg talli min dahhalhom Malta ma iddikjarahomx, u dan ghalkemm ma hemmx dazju fuqhom u ma hix mizmuma l-importazzjoni taghhom?

Il-Kontrollur tad-Dwana jghid li jista'. Mistieden mill-qorti jghid fuq liema dispozizzjonijiet tal-ligi qieghed jistrieh, wiegeb b'nota ipprezentata fil-11 ta' Marzu 1996 u semma l-art. 60 (a),(b),(c) u (k) u l-art. 62 (a),(b),(c),(f),(h),(l) u (m). Ghalhekk issa rridu naraw dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi sabiex naraw jaghtux lill-Kontrollur tad-Dwana s-setgha li jikkonfiska hwejjeg li fuqhom ma hemmx dazju.

L-artikolu msemmija mill-Kontrollur jittrattaw dwar dawn il-materji:

<u>Art. 60</u>

- (a) dwar "oggetti suggetti ghal hlas ta' dazju".

Ma ngibitx xiehda li fuq il-hwejjeg maqbuda ghandu jithallas dazju, u jidher li l-intimat stess jaqbel li ma hemmx dazju x'jithallas.

- (b) dwar "oggetti li taghhom hija projbita l-importazzjoni".

Ma ngibitx xiehda li l-oggetti maqbuda ma setghux jiddhalu hawn Malta; huma hwejjeg ghat-tizjin personali tar-rikorrent u ta' martu.

- (c) dwar "oggetti [li] jigu mehuda …… qabel ma jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat tad-dwana"

Huwa minnu li dawn l-oggetti kienu sejrin jittiehdu mir-rikorrent qabel ma jkun ezaminahom ufficjal tad-dwana. Izda jekk nghidu li kull oggett li ma jintweriex lil ufficjal tad-dwana jista' jinqabad, ikun ifisser li l-green channel tad-dwana, li jistieden biex ighaddi minnu kull min jidhirlu li ma ghandux x'jiddikjara, ma hux hlief nassa. Dan il-paragrafu jghodd ghal dawk l-oggetti li hemm raguni biex jintwerew lill-uficjal tad-dwana, u ma ntwera xejn x'juri lil l-oggetti maqbuda kellhom jintwerew lill-ufficjal.

- (k) dwar "oggetti [li] jkunu importati minn xi persuna li tkun xjentement imdahhla f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana".

Minn dan kollu ma ntwera xejn. Ir-rikorrent ma ghamel ebda tentattiv biex jevadi d-dazju ghaz ma ntweriex li kelu jithallas xi dazju.

Art. 62

- (a) u (b) dwar "oggetti li taghhom hija projbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata ….. jew oggetti suggetti ghal dazju."

Ga' rajna li l-intimat ma weriex li l-oggetti maqbuda jaqghu f'dawn il-kategoriji.

- (c) dwar oggetti li jitwarrbu jew jittiehdu "qabel l-ezami taghhom mill-ufficjal inkarikat tad-dwana".

Dwar dawn l-oggetti jghoddu l-istess osservazzjonijiet maghmula taht l-art. 60 (c), supra.

- (f) u (h) dwar min jilqa' ghandu, izomm, jew jahbi oggetti li hija projbtia jew limitata l-importazzjoni taghhom, jew li ma thallasx dazju fuqhom, jew min b'xi mod ikollu x'jaqsam f'operazzjoni bhal dik.

Dwar dawn l-oggetti jghodd l-istess argument li sar taht l-art. 62(a) u (b). Ghalhekk ma hemm ebda xiehda li r-rikorrent ghamel xi haga kontra l-ligi b'oggetti bhal dawn.

- (m) dwar min jaghmel dikjarazzjoni falza jew jaghti taghrif li jaf li jkun falz.

Ma ngiebet ebda xiehda li r-rikorrent ghamel xi haga bhal din; kull ma ghamel kien li fittex li jdahhal f'Malta oggetti personali li ma ngiebet ebda xiehda biex turi li ma setghux jidhlu Malta jew li kellu jithallas xi dazju dwarhom.

L-intimat, ghalhekk, ma wera li ghandu ebda setgha li jikkonfiska l-hwejjeg maqbuda, u t-talba tar-rikorrent biex jehodhom lura ma tistax ma tintlaqax.

Il-qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna lill-intimat sabiex irodd lir-rikorrent il-hwejjeg maqbuda bin-nota ta' qbid numru 36 ta' l-1987.

L-ispejjez ta' din il-kawza jhallashom l-intimat."

Mill-istess sentenza appella l-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' rikors ta' l-appell prezentat fis-27 ta' Mejju, 1997 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi gej:-

1. L-Ewwel Onorabbli Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq is-supposizzjoni li l-gojjellerija ma kienitx soggetta ghall-hlas ta' dazju. Dan huwa manifestament skorrett u hija l-ligi stess li tirrendi l-gojjellerija dazjabbli. Id-dazjabilita' ta' oggett ma tiddependix minn jekk il-Qorti tingibilhiex xhieda jew le li l-oggett huwa dazjabbli izda hija haga li tirrizulta mil-ligi li taghha ma hemm ghalfejn tingieb ebda prova quddiem xi Qorti.

2. Il-gojjellerija hija dazjabbli skond il-Kap 71 u r-rati ta' dazju stabbiliti orginarjament baqghu kollha applikabbli fl-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni li emenda l-Att ta' l-1976.

3. Dwar il-kwistjoni li l-oggetti kienu allegatament ghall-uzu personali ta' mart ir-rikorrent (li ma kenitx hi li kienet qed timportahom) l-appellant jissottometti illi l-ligi tirregola b'mod car l-importazzjoni ta' oggetti personali fit-Tieni Skeda (para (m) u (q) ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni ta' l-1976 maghmula taht l-artikolu 5 ta' l-istess Att. Biex

tali oggetti personali ikunu ezenti mid-dazju iridu jkunu jew “household effects, that is to say items of furniture which have been in use by a passenger or his family and are imported by the passenger on removing his household from another country to Malta” jew “passengers’ baggage, including wearing apparel and personal effects, used, which the Comptroller of Customs is satisfied are intended for the passengers’ personal use”.

4. L-appellant jissottometti illi huwa car mill-mod kif huma redatti dawn l-eccezzjonijiet li l-oggetti fi kwalunkwe kaz ikunu jigu dikjarati sabiex il-Kontrollur ikollu l-opportunita’ jivvaluta jekk huma humiex verament intizi “for the passengers’ personal use” jew jekk verament jissussistux ic-cirkostanzi kontemplati fit-Tieni Skeda ta’ l-Att.

5. L-appellant jissottometti li fil-kaz in dizamina l-importazzjoni ma kenitx koperta bl-ebda wiehed mill-paragrafu msemmija stante li l-gojjellerija la kienet “for the passengers’ personal use” (u dan ex admissis) u lanqas ma kienet tikkostitwixxi “items of furniture” u lanqas ma kienet “imported by the passenger on removing his household from another country to Malta” peress illi r-rikorrent, anke kif jirrizulta mid-deposizzjoni tieghu stess dejjem baqa’ residenti fir-Renju Unit.

6. Di piu’ il-Kontrollur kellu dejjem diskrezzjoni dwar jekk jippermettix l-importazzjoni ta’ gojjellerija ta’ valur tant gholi

allegatament ghall-uzu personali tal-passiggieri u kellu ghalhekk fi kwalunkwe kaz ikun jaf x'inhu qed jigi importat.

7. L-appellant jissottometti wkoll illi l-komportament tar-rikorrent kien konducenti ghal sitwazzjoni fejn oggetti ta' gojjellerija ta' valur gholi jigu importati f'Malta minghajr ma d-Dwana tkun taf bihom u minghajr ma jkun hemm ebda kontroll jew limitazzjoni dwar x'jista' jsir bihom wara. Dan huwa b'mod car kontra r-ratio legis tal-ligi doganali.

8. In konkluzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li l-oggetti la kienu dazjabbli u lanqas ma kien hemm ghalfejn jigu dikjarati lid-Dwana hija ghalhekk, manifestament zbaljata.

9. L-appellanti jissottometti wkoll li l-origini estera ta' l-oggetti tirrizulta ampjament mix-xhieda u r-rikorrent qatt ma wera li hu kien hallas dazju fuq dawn l-oggetti.

Is-sentenza, fil-fehma ta' l-appellant, tidher li hija ispirata minn konsiderazzjonijiet bazati fuq ic-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent meta dawn ic-cirkostanzi jistghu, se mai, ikunu rilevanti biss fil-kawza kriminali. Fil-kawza civili jigi diskuss biss jekk l-oggett in kwistjoni kienx dazjabbli u kienx qieghed jiddahhal f'Malta b'mod li ma kienx konformi mal-ligi u l-kwistjoni dwar jekk min kien qed idahhal dak l-oggett f'Malta kienx hati ta' reat kriminali jew le ma tidholx. Ghalhekk, jikkonkludi l-

appellant, "il-fatt li r-rikorrent huwa sinjur, illi l-oggetti qal li kienu ta' martu u li huwa qal li haseb li ma kellux ghalfejn jiddikjara dawk l-oggetti lid-Dwana ghax kienu oggetti personali m'humiex konsiderazzjonijiet relevanti f'dawn il-proceduri li huma "forfeiture proceedings" u li jikkoncernaw ruhhom biss dwar jekk l-oggetti kienux qed jidhlu f'Malta kif suppost". Skond l-appellant is-sentenza appellata twassal ghall-konsegwenza li l-gojjellerija tidhol u ticcirkola f'Malta minghajr ma jithallas dazju fuqha meta tali dazju huwa fil-fatt dovut.

Ikkonsidrat;

Illi verament din il-Qorti tapprezza hafna il-preokkupazzjoni tal-appellant Kontrollur tad-Dwana illi ma jinfethux bibien u l-ligi ma tigix interpretata b'mod illi taghmilha kwazi haga semplici u rrizorja li persuna timporta f'Malta gojjellerija minghajr ma thallas dazju fuqha sempliciment minhabba li tkun issostni illi dik il-gojjellerija hija "personal effect" u ghalhekk mhux dazjabbli. In verita' jista' jkun hemm kazijiet genwini u ohrajn evidentement, bl-iktar mod lampanti, li m'humiex. Per ezempju persuna illi siefret minn Malta u garret maghha l-gojjelli taghha u tirritorna lura bil-gojjelli taghha, certament m'huwiex il-kaz ta' dak illi qed jippretendi l-appellant Kontrollur tad-Dwana, mentri differentement persuna li qabel ma tigi Malta takkwista gojjelli ghaliha jew ghal haddiehor u tippretendi li tista' tibqa' ghaddejja minghajr ma taghmel

dikjarazzjoni appozita lid-Dwana u thallas d-dazju dovut tkun qed tikser il-ligi.

Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tifhem il-ghaliex l-appellant qieghed jilmenta li l-Ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha billi kienet xi ftit jew wisq “ispirata minn konsiderazzjonijiet ibbazati fuq cirkostanzi personali tar-rikorrent”. Mhux korrett l-appellant meta jsostni li dawn ic-cirkostanzi jistghu jkunu se mai rilevanti biss fil-kawza kriminali. Mhux biss jistghu, imma ghandhom ikunu rilevanti wkoll f’kawza civili fis-sens illi persuna li, verament tkun qed tifhem li qed iggorr maghha effetti personali bhal ma huma gojjelli u ma ghandhiex ragun ghaliex tahseb illi hu l-kaz li dawk il-gojjelli huma dazjabbli, ma jistax wiehed jippretendi minnha dak li qed jippretendi l-Kontrollur tad-Dwana.

Fil-kaz in dizamina, ingiebu provi bizzejjed biex juru illi hawn non si trattava ta’ xi tentattiv biex jigi eluz l-erarju pubbliku f’forma ta’ evazjoni ta’ dazju imma jidher ovvju li l-appellat kien genwinament qieghed jassumi li mhux il-kaz li jiddikjara li qed igorr xi haga dazjabbli meta effettivament kien jemmen u kellu ragun jemmen illi l-oggetti in kwistjoni kienu effetti personali ta’ martu u ghalhekk tal-familja tieghu u anki tieghu.

Issir riferenza ghal Dok A u cioe’ ghas-seizure note u bhala taghrif ghala sar il-qbid, hemm indikat espressament bil-firma ta’ Joseph

Portelli ghall-Kontrollur tad-Dwana "as the importation of the above mentioned items is restricted, import duty not having been paid or secured, the said goods are being seized in terms of section 68, 61 of the Customs Ordinance, Chapter 60 of the revised edition". Dana qieghed jigi osservat il-ghaliex fir-risposta ghar-rikors promotorju, l-Agent Kontrollur tad-Dwana kien iktar kawt u ma rrepetix ir-raguni ghall-qbid imma qal "il-fatt li dawn l-oggetti ma gewx dikjarati fih innifsu jimmilita ghall-operat tal-Kap 60 tal-Ligijiet ta' Malta u kien ghalhekk li l-istess oggetti gew validament maqbuda". Huwa stramb kif f'nifs wiehed jigu prezentati zewg ragunijiet differenti bhala l-bazi tal-qbid.

In realta', din il-Qorti taghmilha cara illi ghalkemm huma necessarju u importanti illi l-ligi li tirregola l-hlas tad-dazju tigi applikata rigidament u dan biex jigi intutelat l-erarju pubbliku, fl-istess hin ma ghandhiex tigi applikata b'mod illi thalli toghma morra specjalment illum, kif tirrileva l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, illi hemm il-green channel minn fejn wiehed jista' jghaddi jekk ikun jemmen li ma ghandux oggetti x'jiddikjara li jistghu jkunu soggetti ghal dazju. In realta', huwa veru li r-riskju huwa dejjem ta' dak li jkun ghazel li jghaddi minn dak il-kanal, fis-sens illi il-fatt biss li jkun baqa' ghaddej minnu minghajr ma jkun ghamel dikjarazzjoni li ghandu oggetti dazjabbli ikun jista' jikkostitwixxi ksur tal-ligi. Pero', irid ikollu oggetti li huma dazjabbli. Fil-kaz prezenti, din il-Qorti wara li rat il-provi, wara li ezaminat id-deposizzjoni inkluzi dawk ta' l-ufficjali tad-Dwana, mhijiex sodisfatta illi l-appellant kien qed igorr

oggetti li kienu dazjabbli. Il-kwistjoni ta' kellux jiddikjarahom jew le jew tal-konsegwenza tal-fatt li ma ddikjarahomx kienet tqum kieku jirrizulta li l-oggetti kienu dazjabbli. Pero', f'dan il-kaz partikolari, din il-Qorti hija sodisfatta li si trattava verament ta' "personal effects" akkwistati precedentement u uzati li ma kienux dazjabbli f'dan il-kaz partikolari.

Jidher li l-appellant obbjetta fuq il-bazi illi skond ix-xhieda ta' mart l-appellat, huma iktar joqoghdu l-Ingilterra milli Malta u li essenzjalment ir-residenza ordinarja taghhom hija Malta. Pero' jirrizulta wkoll li joqoghdu Malta ukoll u li gejjin u sejrin, daqqa joqoghdu l-Ingilterra u daqqa joqoghdu Malta. Fi kwalunkwe kaz fuq dan ghamlet apprezament l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ma jidrilhiex li hu l-kaz li tvarjah.

Gie objettat ukoll da parti ta' l-appellant li l-gojjelli f'dan il-kaz kellhom valur ingenti tali li fil-fehma tieghu kienu jinducuh li jikkonsidra li ma jhallihomx jidhlu Malta. Din il-Qorti, f'din id-diskrezzjoni li qieghed jippretendi, u li cioe' ma jippermettix l-importazzjoni ta' gojjellerija ta' valur skond hu tant gholi, sempliciment ma tifhimhiex. Frankament, anqas ma tifhem fuq liema bazi l-valur tal-gojjellerija fil-kaz in dizamina qed jigi minfuh b'mod irrealistiku, meta essenzjalment bhal dawn il-gojjelli li kienu qed jigu importati, din il-Qorti temmen li hawn bosta fil-pajjiz.

Ezaminat kollox, din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti u ghalhekk qedgha tghaddi biex filwaqt li tirrespingi l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku tal-Kontrollur tad-Dwana appellanti.

Dep/Reg

cb